



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 20 ta' Mejju 2026
(OR. en)**

**2025/0073(COD)
LEX 2521**

**PE-CONS 15/1/26
REV 1**

**SOC 149
EMPL 63
FIN 403
ECOFIN 335
COMPET 322
CADREFIN 111
CODEC 436**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JEMENDA R-REGOLAMENT (UE) 2021/691 FIR-RIGWARD TAL-APPOĠĠ
GĦALL-ĦADDIEMA AFFETTWATI MINN SENSJA IMMINENTI
F'INTRAPRIŻI LI GĦADDEJJIN MINN RISTRUTTURAR**

REGOLAMENT (UE) 2026/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta1-20 ta' Mejju 2026

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema
affettwati minn sensja imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja³,

¹ ĠU C, C/2025/4217, 20.8.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/4217/oj>.

² ĠU C, C/2025/4419, 29.8.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/4419/oj>.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2026. (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2026.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ stabbilixxa l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għall-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013. Il-FEG ġie stabbilit biex jippermetti lill-Unjoni turi solidarjetà mal-ħaddiema li kienu tilfu l-impjiegi tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni.
- (2) L-ambitu tal-FEG twessa' fl-2009 bħala parti mill-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku, stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2008, biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'konsegwenza diretta tal-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1927/oj>).

- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ stabbilixxa l-FEG għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014--2020. Huwa estenda wkoll l-ambitu tal-FEG biex ikopri s-sensji li jirriżultaw minn kwalunkwe kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija ġdida. Dak ir-Regolament ġie emendat bir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ biex jippermetti li l-FEG eċċezzjonalment ikopri applikazzjonijiet kollettivi li jinvolvu intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li jinsabu f'reġjun wieħed u li joperaw f'setturi ekonomiċi differenti definiti fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, fejn l-Istat Membru applikant juri li l-SMEs huma t-tip ewlieni, jew l-uniku tip, ta' negozju f'dak ir-reġjun.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1309/oj>).

⁶ Ir-Regolament (EU) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>).

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj>).

- (4) Ir-Regolament (UE) 2021/691 stabbilixxa l-FEG għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027. Sabiex il-FEG jirreaġixxi aktar għall-isfidi ekonomiċi li qed jinbidlu malajr f'ekonomija globalizzata, l-ambitu tal-FEG reġa' twessa' biex ikopri kwalunkwe tip ta' avveniment ta' ristrutturar fuq skala kbira, irrispettivament mill-kawża tiegħu. Ġie introdott livell limitu aktar baxx għall-appoġġ minn dak ipprovdut fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 biex jirrifletti aħjar ir-realtajiet f'reġjuni b'popolazzjoni aktar baxxa. Fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika, il-miżuri li jħejju lill-benefiċjarji għal dik it-tranżizzjoni kienu meqjusa bħala elementi obligatorji għal kull pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (il-“pakkett ikkoordinat”) offrut lill-benefiċjarji. Barra minn hekk, ir-rati ta' kofinanzjament ġew allinjati mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ fl-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, ġie introdott sħarriġ obligatorju tal-benefiċjarji.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj>).

- (5) L-istrument ewlieni tal-Unjoni biex jassisti lill-ħaddiema li ġew affettwati minn aġġustament u ristrutturar ekonomiku huwa l-FSE+, imfassal biex joffri assistenza b' mod antiċipatorju. Il-FEG huwa mfassal biex joffri assistenza b' reazzjoni għal avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija b' mod reattiv. Madankollu, it-tfassil ta' assistenza għall-ħaddiema li ġew affettwati minn ristrutturar ma jirriflettix b' mod xieraq il-fatt li avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira ġeneralment iseħħu fuq perjodu ta' żmien twil. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-FSE+ biex itejbu u jġeddu l-ħiliet tal-ħaddiema, iżda l-FSE+ ma jipprovdi appoġġ għat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema f' sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħal dawk li fihom ikun jinsabu l-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti tal-impjiegi. L-intrapriżi li fihom il-ħaddiema kkonċernati huma impjegati spiss ikunu f' diffikultà ekonomika u għalhekk ma jkunux jistgħu joffru tali assistenza waħedhom.
- (6) L-Unjoni qed tiffaċċja kompetizzjoni dejjem aktar iġusta minn pajjiżi terzi li ma għandhomx l-istess livell ta' drittijiet tax-xogħol jew li ma jikkonformawx mal-istess livell ta' sikurezza u ta' protezzjoni ambjentali. Huwa meħtieġ li l-intrapriżi tal-Unjoni jiġu appoġġati fil-ġlieda kontra l-kompetizzjoni iġusta u biex il-ħaddiema jiġu protetti mill-konsegwenzi negattivi tagħha.

- (7) Ir-rwol tal-FEG għadu importanti bħala strument flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jtilfu l-impjieg tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom isibu impjiegi oħra malajr kemm jista' jkun. Huwa importanti li l-Unjoni tkompli ttipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba biex tiffaċilita l-integrazzjoni mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli tal-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju. Huwa vitali li l-Unjoni tiżgura l-prosperità sostenibbli, l-awtonomija strateġika u l-kompetittività tagħha, filwaqt li, fl-istess ħin, tippreserva l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha, tappoġġa lill-ħaddiema u lill-intrapriżi biex jiżguraw tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika, ġusta, tippreserva l-impjiegi fl-Unjoni, u tissalvagwarda d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Sabiex jiġu ssalvagwardati l-futur tal-Unjoni bħala mutur ekonomiku, u l-progress li sar fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati l-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jaqilbu jew għal rwol differenti fl-intrapriża attwali tagħhom jew f'intrapriża differenti.

- (8) Meta intrapriża tgħaddi minn avveniment ta' ristrutturar kbir, spiss tikkawża avvenimenti ta' ristrutturar fil-fornituri diretti jew il-produtturi downstream tagħha, jew it-tnejn. F'tali każijiet, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'tali fornituri diretti jew produtturi downstream biex ikunu eliġibbli għall-appoġġ mill-FEG, dment li l-intrapriża rikjedenti taqbel li tinkludihom fit-talba għall-appoġġ mill-FEG mressqa lill-Istat Membru. Jenħtieġ li kwalunkwe sensji kollettivi pproġettati fil-fornituri diretti jew fil-produtturi downstream tal-intrapriża rikjedenti inklużi fit-talba għall-appoġġ tal-FEG isiru fl-istess Stat Membru bħas-sensji kollettivi pproġettati fl-intrapriża rikjedenti, u jenħtieġ li tiġi stabbilita rabta kawżali ċara bejniethom. Jenħtieġ li l-intrapriża rikjedenti tissodisfa l-kriterji ta' intervent fiha nnifisha, mingħajr referenza għall-fornituri diretti jew l-produtturi downstream inklużi fit-talba tagħha. Jenħtieġ li l-intrapriża rikjedenti tiegħu r-responsabbiltà sħiħa u unika għat-tressiq tat-talba, l-għoti tal-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Istati Membri, l-għoti tal-kofinanzjament nazzjonali, u l-implimentazzjoni tal-pakkett ikkoordinat.

- (9) Jenħtiegħ li l-FEG jappoġġa lill-ħaddiema billi jiżviluppa ħiliet trażversali biex jiġu evitati s-sensji u biex tkun tista' ssir tranżizzjoni bla xkiel għal impjeg ġdid. Għalhekk, jeħtiegħ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminente f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar, inkluż, meta applikabbli, fil-fornituri diretti u fil-produtturi downstream tagħhom. Peress li dawk il-ħaddiema jkunu għadhom f'impjeg attiv, jenħtiegħ li l-impjegatur tagħhom jkun jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, jenħtiegħ li jkunu l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jkunu jistgħu japplikaw għal kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba għal appoġġ minn intrapriża, dment li l-intrapriża taqbel li tipprovdi kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jenħtiegħ li l-Istat Membru kkonċernat jagħmel il-fondi mitluba disponibbli għall-intrapriża fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol minn meta jirċevihom. Jenħtiegħ li l-intrapriża tqiegħed l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tnejn tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Jenħtiegħ li l-Kummissjoni tħejji sħarriġ tal-benefiċjarji u jenħtiegħ li l-intrapriża rikjedenti taqsam l-aċċess għalih mal-ħaddiema kollha li pparteċipaw fil-miżuri ko-finanzjati mill-FEG u, meta applikabbli, mar-rappreżentanti tagħhom.
- (10) Sabiex jimmitigaw ir-riskji u l-obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-implimentazzjoni tal-pakkett ikkoordinat, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jwettqu verifiki finanzjarji u amministrattivi li jkunu effettivi u proporzjonati qabel ma jippreżentaw l-applikazzjoni lill-Kummissjoni ("kontrolli ex ante").

- (11) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom b'mod li jqis il-kostijiet amministrattivi mġarrba mill-intrapriżi fit-tħejjija tal-applikazzjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali fit-trattament tagħha, u li jkun proporzjonali għall-istima tar-riskji finanzjarji marbuta mal-applikazzjoni.
- (12) Jenħtieġ li l-proċessi ta' ristrutturar jappoġġaw, fost l-oħrajn, is-sostenibbiltà ekonomika ta' intrapriża u l-istabbiltà tal-impjiegi fit-tul, u b'hekk isaħħu l-kompetittività tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' ristrutturar jantiċipaw u jiġġestixxu l-bidla kmieni kemm jista' jkun biex jipprevjenu l-insolvenza u t-telf ta' impjiegi, li jinvolvu, fi stadju bikri, lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u, meta applikabbli, lit-trade unions . Jenħtieġ li d-deċiżjoni tal-intrapriża li tressaq talba għall-appoġġ mill-FEG tittieħed, u l-pakkett ikkoordinat ta' miżuri personalizzati jitfassal, f'konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, mar-rappreżentanti tagħhom u mas-sħab soċjali, kif applikabbli, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni jiġu rrispettati f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali u biex jiġi żgurat li l-kwalità u r-rilevanza tal-miżuri.
- (13) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-applikazzjonijiet għal appoġġ finanzjarju li jinvolvu intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar u li jinsabu fi swieq tax-xogħol żgħar, jew li jinvolvu SMEs biss, jiġu ttrattati bħala ammissibbli anke jekk l-kriterji ta' eliġibbiltà ma jiġux issodisfati għalkollox. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li r-raġunijiet għaliex ma ntleħqux il-kriterji kollha jiġu ssostanzjati kif xieraq fl-applikazzjoni.

- (14) Jenħtieġ li l-appoġġ ipprovdut lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminente f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jikkomplementa l-forom eżistenti ta' appoġġ disponibbli skont il-miżuri nazzjonali jew ftehimiet kollettivi. Jenħtieġ li t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema jikkontribwixxu, *inter alia*, għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u t-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika. Jenħtieġ li l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ mill-FEG, peress li mhumiex relatati mas-sensja, iżda mas-sospensjoni temporanja tal-impjiegi. Jenħtieġ li l-intrapriża rikjedenti tkun tista' tissottokuntratta t-twassil tal-pakkett ikkoordinat ta' miżuri personalizzati, jew partijiet minnu, jekk il-miżuri nazzjonali jippermettu dan.
- (15) Jenħtieġ li r-rata ta' kofinanzjament għall-miżuri mmirati lejn ħaddiema affettwati minn sensja imminente f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar tkun ugwali għar-rata ta' kofinanzjament għall-assistenza mill-FEG għall-ħaddiema ssensjati. Jenħtieġ li l-intrapriżi li jitolbu appoġġ mill-FEG jipprovdu l-kofinanzjament nazzjonali. Meta l-intrapriża rikjedenti taqbel li tinkludi ħaddiema mill-fornituri diretti jew il-produtturi downstream tagħha fit-talba għal appoġġ mill-FEG, jenħtieġ li tkun tista' tagħmel dak il-ftehim kundizzjonali fuq kontribuzzjonijiet minn dawk il-fornituri diretti jew il-produtturi downstream fi proporzjon mal-appoġġ riċevut mill-ħaddiema tagħhom..
- (16) Jenħtieġ li r-rata ta' kofinanzjament għan-nefqa mġarrba mill-Istat Membru b'rabta mal-applikazzjonijiet għall-appoġġ tal-FEG u l-ipproċessar ta' dawk l-applikazzjonijiet, inkluż il-kostijiet amministrattivi u tal-persunal marbuta mal-verifiki ex ante, u l-attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar, tkun ta' 100 %.

- (17) Peress li l-ħaddiema affettwati minn sensja imminente jkunu għadhom f'impjieg attiv, jenħtieġ li jkunu eliġibbli biss dawk il-miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jgħinuhom iġeddu jew itejbu l-ħiliet tagħhom, jew li jipprovdu gwida jew mentoraġġ, inkluż miżuri mmirati lejn ħaddiema li jistgħu xi darba jibdew in-negozju tagħhom stess. Għalhekk, jenħtieġ li la l-allowances u lanqas l-għotjiet tal-bidu ma jkunu eliġibbli.
- (18) Jenħtieġ li l-ħaddiema affettwati minn sensja imminente li jirċievu assistenza mill-FEG jibqgħu eliġibbli bħala parti mill-ħaddiema affettwati minn sensja imminente anke jekk il-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tintemm. Jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli wkoll għal applikazzjonijiet ġodda possibbli mill-Istati Membri rispettivi b'appoġġ għall-ħaddiema ssensjati mill-istess intrapriża.
- (19) Minħabba l-kompiti dejjem jiżdiedu tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/691, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob assistenza teknika sa 1,5 % tal-ammont massimu annwali totali tal-FEG. Dik ir-rata massima miżjuda hija ġġustifikata wkoll minħabba li l-ammont massimu annwali tal-FEG tnaqqas fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027.
- (20) Minħabba l-adozzjoni mhux uniformi tal-appoġġ tal-FEG mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippromwovi l-użu tiegħu billi toħloq sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri permezz ta' gwida teknika u bid-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki.

- (21) Minħabba l-iskala u l-frekwenza tar-ristrutturar f' dawn l-aħħar snin, hemm tħassib li l-baġit eżistenti tal-FEG jista' ma jkunx biżżejjed biex jissodisfa l-applikazzjonijiet kollha relatati mal-ħaddiema ssensjati u mal-ħaddiema affettwati minn sensja imminente. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat użu bbilanċjat tal-FEG, jenħtieġ li mill-inqas 40 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG ikun riżervat għall-applikazzjonijiet li jikkonċernaw il-waqfien tal-attività ta' ħaddiema ssensjati jew persuni li jaħdmu għal rashom. Barra minn hekk, jenħtieġ li kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminente tkun limitata għal kull intrapriża, għal Stat Membru partikolari u għal kwalunkwe sena finanzjarja.
- (22) Sabiex jingħata appoġġ malajr lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminente, minħabba l-fatt li r-Regolament (UE) 2021/691 ma jibqax japplika fi tmiem l-2027, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2021/691 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. F'konformità mal-Artikolu 4, il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar u lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar.”;

(2) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Missjoni u objettivi

1. Il-FEG għandu jappoġġa trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat tal-globalizzazzjoni u tal-bidliet teknoloġiċi u ambjentali billi jgħin lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet biex jadattaw għall-bidla strutturali. Il-FEG għandu jappoġġa wkoll lill-ħaddiema f'riskju ta' sensja imminenti. Il-FEG għandu jikkostitwixxi fond ta' emerġenza li jopera b'mod reattiv. Bħala tali, il-FEG għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji stipulati fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jippromwovi l-impjieġ sostenibbli u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.

2. L-objettivi tal-FEG huma li tintwera solidarjetà u jiġi promoss l-impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi joffri assistenza f'każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar, b'mod partikolari dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet tal-kummerċ dinji, tilwim kummerċjali, tibdil sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, kif ukoll it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju bħala parti mit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u ġusta, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni. Il-FEG għandu jappoġġa lill-benefiċjarji biex jergġu lura kemm jista' jkun malajr għal impjieg deċenti u sostenibbli. Għandha ssir enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-aktar gruppi żvantaġġati. Il-FEG għandu jappoġġa wkoll lill-ħaddiema affettwati minn sensja imminente biex jiksbu l-ħiliet meħtieġa li jgħinuhom jaqilbu jew għal rwol differenti fl-intrapriża attwali tagħhom jew għal intrapriża differenti.”;

(3) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(1a) “ħaddiem affettwat minn sensja imminente” tfisser ħaddiem f'intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar, li l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg tiegħu, irrispettivament mit-tip jew middurata, hija mistennija li tintemm bis-sensja wara l-komunikazzjoni bil-miktub mill-impjegatur lir-rappreżentanti tal-ħaddiema li tinfirmahom, matul il-konsultazzjonijiet, dwar, fost l-oħrajn, l-għadd u l-kategoriji ta' ħaddiema li għandhom jingħataw is-sensja f'konformità mal-Artikolu 2(3), il-punt (b), tad-Direttiva 98/59/KE;”;

(b) jizzied il-punt li ġej:

“(6) “intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar” tfisser intrapriża li tkun għaddejja minn proċess li jinvolvi “sensji kollettivi”, kif definit fl-Artikolu 1(1), il-punt (a), tad-Direttiva 98/59/KE;”;

(4) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għal miżuri mmirati lejn ħaddiema ssensjati u persuni li jaħdmu għal rashom f’konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu. Fil-każ ta’ talbiet minn intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar li jikkonċernaw miżuri mmirati lejn il-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti, l-Istati Membri għandhom japplikaw għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG.”;

(b) fil-paragrafu 2, jizzied il-punt li ġej:

“(d) l-eżistenza ta’ sensji kollettivi pproġettati li jikkonċernaw mill-inqas 200 ħaddiem affettwati minn sensja imminenti f’intrapriża waħda li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru wieħed.”;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Fi swieq tax-xogħol żgħar, f'każijiet debitament sostanzjati, u b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu għandha titqies ammissibbli anke jekk xi wħud mill-kriterji stabbiliti fiċ-ċirkostanzi elenkati fil-paragrafu 2 ma jiġux issodisfati għalkollox, dment li s-sensji jew is-sensji kollettivi pproġettati jkollhom impatt serju fuq l-impjiegi u l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali.

Għall-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 8, l-Istat Membru għandu jissostanzja l-applikazzjoni kif xieraq, u għandu jindika liema mill-kriterji stabbiliti fiċ-ċirkostanzi elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma ġewx issodisfati għalkollox.

Għall-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 8a, wara talba debitament sostanzjata mill-intrapriża, inkluż l-indikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fiċ-ċirkostanzi elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li ma jkunux issodisfati għalkollox, l-Istat Membru għandu jippreżenta l-applikazzjoni.”;

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, u b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs, il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll għal swieq tax-xogħol li mhumiex swieq tax-xogħol żgħar. L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji f'dawn il-każijiet ma għandux jaqbeż il-15 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG.”;

(5) fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-parti introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika l-metodu użat għall-kalkolu tal-għadd ta' ħaddiema ssensjati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet għall-fini tal-Artikolu 4 f'waħda jew aktar mid-dati li ġejjin:”;

(6) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 5a

Komunikazzjoni tal-għadd ta' ħaddiema affettwati minn sensja imminenti

Għall-fini tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru applikant għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-għadd ta' ħaddiema affettwati minn sensja imminenti tal-impjeg li ġew identifikati f'komunikazzjoni bil-miktub waħda jew aktar mill-impjegatur lir-rappreżentanti tal-ħaddiema f'konformità mal-Artikolu 2(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 98/59/KE.”;

(7) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel paragrafu , jiżdied il-punt li ġej:

“(c) ħaddiema affettwati minn sensja imminenti f'intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar, inkluż, meta applikabbli, fil-fornituri diretti jew fil-produtturi downstream ta' dik l-intrapriża;”;

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“Il-ħaddiema msemmija fil-punt (c) tal-ewwel paragrafu għandhom jibqgħu eliġibbli bħala parti mill-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti anke jekk intemmu l-kuntratt jew ir-relazzjoni tax-xogħol tagħhom. Għandhom ikunu eliġibbli biss l-avvenimenti ta’ ristrutturar, inklużi, fejn applikabbli, l-avvenimenti ta’ ristrutturar fil-fornituri diretti u fil-produtturi downstream ta’ intrapriża li għaddejja minn ristrutturar, li jikkwalifikaw bħala sensji kollettivi skont id-Direttiva 98/59/KE.

Il-ħaddiema msemmija fil-punt (c) tal-ewwel paragrafu għandhom ikunu eliġibbli irrispettivament mill-miżuri ta’ appoġġ ipprovduti mill-Istat Membru kkonċernat u ffinanzjati esklużivament mir-riżorsi tiegħu, dment li daww il-miżuri ma jkunux parti mill-pakkett ikkoordinat.

Il-ħaddiema msemmija fil-punt (c) tal-ewwel paragrafu għandhom jitqiesu li huma benefiċjarji eliġibbli jekk ikunu identifikati fil-komunikazzjoni bil-miktub msemmija fl-Artikolu 5a dwar sensji imminenti jew f’komunikazzjonijiet bil-miktub sussegwenti ta’ sensji kollettivi addizzjonali pproġettati fl-intrapriża rikjedenti jew fil-fornituri diretti tagħha jew fil-produtturi downstream tagħha, fejn applikabbli, dment li l-informazzjoni rilevanti tiġi kkomunikata sal-aħħar jum qabel id-data tat-tlestija tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni.

Il-ħaddiema ta' fornituri diretti u ta' produtturi downstream imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel paragrafu, għandhom jitqiesu bħala benefiċjarji eliġibbli, dment li:

- (a) jkunu parti mis-sensji kollettivi pproġettati li jseħħu fl-istess Stat Membru bħas-sensji kollettivi pproġettati mill-intrapriża rikjedenti; u
- (b) tiġi stabbilita rabta kawżali ċara bejn is-sensji kollettivi pproġettati mill-impriża rikjedenti u s-sensji kollettivi pproġettati fil-fornituri diretti jew fil-produtturi downstream tagħha.”;

(8) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni mill-ġdid tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jaġġornaw jew jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jaqilbu għal rwol differenti mal-intrapriża attwali tagħhom jew f'waħda differenti.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fit-tieni subparagrafu, jiżdied il-punt li ġej:

“(c) għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista’ jinkludi taħriġ u taħriġ mill-ġdid, li jikkomplementa forom eżistenti ta’ appoġġ disponibbli skont il-miżuri jew ir-rekwiżiti nazzjonali taħt il-ftehimiet kollettivi, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar il-ħiliet meħtieġa għal ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta’ assistenza individwali għat-tfittix ta’ impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta’ konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta’ kooperazzjoni.”;

(ii) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara t-tielet subparagrafu:

“Il-pakkett ikkoordinat ma għandux jinkludi skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar, allowances jew għotjiet għal negozji ġodda.”;

(9) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

“Artikolu 8

Applikazzjonijiet għal assistenza mill-FEG għall-ħaddiema ssensjati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet”;

(b) fil-paragrafu 7, il-punt (l) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(l) dikjarazzjoni li tiddeskrivi għaliex il-pakkett ikkoordinat ma jieħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà tal-impjegaturi skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;”;

(10) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 8a

Applikazzjonijiet għal assistenza mill-FEG għall-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti tal-impjiegi

1. L-intrapriżi li jkunu għaddejnin minn ristrutturar jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jippreżenta applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stipulati fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), u jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG għall-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti, f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), għall-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni. Talba bħal din tista' titressaq mill-intrapriża fi żmien 14-il ġimgħa mid-data li fiha tkun bagħtet lill-awtorità pubblika kompetenti, f'konformità mal-Artikolu 2(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 98/59/KE, l-ewwel komunikazzjoni bil-miktub lir-rappreżentanti tal-ħaddiema li jkun fiha, fost l-oħrajn, l-għadd u l-kategoriji ta' ħaddiema li ser jingħataw is-sensja.
2. Intrapriża rikjedenti tista' taqbel li fit-talba tagħha tinkludi ħaddiema affettwati minn sensja imminenti fil-fornituri diretti u fil-produtturi downstream tagħha, li huma eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dment li s-sensji kollettivi kollha koperti mit-talba, irrispettivament minn jekk hux fl-intrapriża rikjedenti jew fil-fornituri diretti jew fil-produtturi downstream tagħha, isiru fl-istess Stat Membru.

L-intrapriża rikjedenti li taqbel li tinkludi fit-talba tagħha ħaddiema affettwati minn sensja imminente fil-fornituri diretti jew fil-produtturi downstream tagħha f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandha tibqa' responsabbli bis-sħiħ skont dan ir-Regolament għat-talba. B'mod partikolari, hi għandha tibqa' ikollha r-responsabbiltà sħiħa għal:

- (a) it-tressiq tat-talba;
- (b) l-għoti tal-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Istati Membri;
- (c) l-għoti tal-kofinanzjament nazzjonali; u
- (d) l-implimentazzjoni tal-pakkett ikkoordinat.

L-intrapriża rikjedenti tista' tagħmel arranġamenti biex tirċievi kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-fornituri diretti u mill-produtturi downstream tagħha b'mod proporzjonat għall-appoġġ riċevut mill-ħaddiema tagħhom.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tippovdi linji gwida, listi ta' kontroll u mudelli għall-formoli ta' talba mhux vinkolanti f'koordinazzjoni mal-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu tali mudelli obligatorji għat-tressiq tat-talbiet.

L-Istati Membri għandhom jippubblikaw online linji gwida u mudelli biex jappoġġaw lill-intrapriżi fit-tħejjija tat-talbiet tagħhom.

L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-intrapriża permezz tal-mudelli msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkopri l-informazzjoni kollha meħtieġa għal applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, f'konformità mal-paragrafu 12.

4. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom abbażi tat-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1. Mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni indipendenti tal-Kummissjoni tal-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG f'konformità mal-paragrafu 11, l-Istat Membru applikant jista' jwettaq kontrolli ex ante biex jivverifika:
 - (a) il-kapaċità finanzjarja u amministrattiva tal-intrapriża rikjedenti li tagħmel it-talba biex timplimenta l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti;
 - (b) l-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 12, il-punti (g), (k) u (o);
 - (c) jekk il-pakkett ikkoordinat huwiex mistenni li jitwettaq f'konformità mal-liġi nazzjonali; u
 - (d) jekk hemmx riskji finanzjarji għall-Istat Membru applikant, inkluż attività potenzjalment frodulenti u r-riskju ta' finanzjament doppju.

Meta jwettqu tali kontrolli ex ante, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ir-riżultati tagħhom, flimkien mal-valutazzjoni tagħhom tat-talba mressqa mill-intrapriża, meta jippreżentaw l-applikazzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tqis dik l-informazzjoni fil-valutazzjoni tagħha tal-applikazzjoni. Jekk il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tkun differenti mir-riżultati tal-verifiki ex ante, il-Kummissjoni għandha tinkludi spjegazzjonijiet f' dan ir-rigward fis-sommarju tal-informazzjoni msemmi fl-Artikolu 15(3), il-punt (a).

5. L-Istati Membri għandhom jittrattaw it-talbiet kollha b' mod ugwali u jittrattawhom fl-ordni li fih jirċevuhom, mingħajr ma jeżerċitaw l-ebda diskrezzjoni rigward l-ammissibbiltà jew l-eliġibbiltà tagħhom u għandhom jippreżentaw applikazzjonijiet fir-rigward ta' dawk it-talbiet lill-Kummissjoni. L-Istati Membri ma għandhom jintroduċu l-ebda rekwiżit addizzjonali jew ibiddu r-rekwiżiti stipulati f' dan ir-Regolament.
6. L-Istat Membru applikant għandu jippreżenta lill-Kummissjoni applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fi żmien 15-il jum ta' xogħol mid-data li fiha jkun irċieva t-talba kompleta.
7. Jekk mitlub jagħmel dan mill-intrapriża, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida matul il-proċedura għal talba kif imsemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jqis id-daqs u l-kapaċità amministrattiva tal-intrapriża.

8. Jekk mitluba tagħmel dan mill-Istat Membru applikant, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi gwida matul il-proċedura tal-applikazzjoni.
9. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, jew, fejn applikabbli, fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data li fiha l-Kummissjoni jkollha f'idejha traduzzjoni tal-applikazzjoni, skont liema tasal l-aħħar, il-Kummissjoni għandha tikkonferma li rċeviet l-applikazzjoni, u għandha titlob lill-Istat Membru applikant kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jkollha bżonn sabiex tivvaluta l-applikazzjoni. Jekk l-informazzjoni addizzjonali mitluba tinkludi informazzjoni li tista' tiġi pprovduta mill-intrapriża, l-intrapriża għandha ttiprovdi dik l-informazzjoni lill-Istat Membru.
10. Meta l-Kummissjoni titlob informazzjoni addizzjonali skont il-paragrafu 9, l-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien 15-il jum ta' xogħol mid-data tat-talba. Il-Kummissjoni għandha testendi dik l-iskadenza b'10 ijiem ta' xogħol fuq it-talba tal-Istat Membru applikant. Kwalunkwe talba għal estensjoni għandha tkun debitament sostanzjata.
11. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja fi żmien 50 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompleta jew, fejn applikabbli, mit-traduzzjoni tal-applikazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 12. Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-adegwatezza tal-proċess ta' konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 7(4), kif ukoll tal-pakkett ikkoordinat.

Meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirispetta dik l-iskadenza, għandha tinforma lill-Istat Membru applikant qabel l-iskadenza ta' dik id-data, filwaqt li tispejga r-raġunijiet għad-dewmien u tistabilixxi data għdida għat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha. Dik id-data l-għdida ma għandhiex tkun aktar tard minn 20 jum ta' xogħol wara l-iskadenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu.

12. Applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-identifikazzjoni tal-intrapriża rikjedenti, inkluż, meta applikabbli, il-fornituri diretti u l-produtturi downstream affettwati tagħha;
- (b) l-għadd ta' ħaddiema affettwati minn sensji imminenti fl-intrapriża rikjedenti li tkun għaddejja minn ristrutturar, f'konformità mal-Artikolu 5a;
- (c) l-għadd ta' benefiċjarji eliġibbli msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), u l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira fosthom li se jibbenefikaw, skont l-intenzjonijiet tal-intrapriża rikjedenti, taħt miżuri mill-pakkett ikkoordinat;
- (d) meta applikabbli, u hekk kif ikun disponibbli, kwalunkwe ftehim bil-miktub bejn l-intrapriża rikjedenti u l-fornituri diretti jew il-produtturi downstream tagħha;
- (e) deskrizzjoni qasira tal-avvenimenti li wasslu għar-ristrutturar;

- (f) meta l-applikazzjoni tinkludi ħaddiema affettwati minn sensji imminenti fil-fornituri diretti jew fil-produtturi downstream tal-intrapriża rikjedenti, analiżi motivata pprovduta mill-intrapriża rikjedenti li tistabilixxi rabta kawżali ċara bejn is-sensji kollettivi pproġettati fil-fornituri diretti jew fil-produtturi downstream u dawkfl-intrapriża rikjedenti;
- (g) konferma, ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-intrapriża, li l-intrapriża kkonformat, u qed tkompli tikkonforma, mal-obbligi legali tagħha, inkluż dawk stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59/KE, u kwalunkwe ftehim kollettiv li jirregola dawn is-sensji kollettivi pproġettati u li l-intrapriża qed tipprovdi għall-ħaddiema tagħha kif xieraq;
- (h) deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti mill-intrapriża għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom, kif applikabbli, dwar it-tfassil tal-pakkett ikkoordinat, kif ukoll id-deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti għall-konsultazzjoni dwar il-miżuri inklużi fil-pakkett ikkoordinat tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jew partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, kif applikabbli;
- (i) spjegazzjoni tal-punt sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet stipulati fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar ġew ikkunsidrati u, meta applikabbli, kif il-pakkett ikkoordinat jikkomplementa l-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi oħra tal-Unjoni jew nazzjonali;

- (j) stima tal-kompożizzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, diżaggregata skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv, użata fit-tfassil tal-pakkett ikkoordinat;
- (k) deskrizzjoni dettaljata tal-pakkett ikkoordinat u n-nefqa relatata, inkluż kwalunkwe miżura li tappoġġa inizzjattivi ta' impjiegi għall-benefiċjarji żvantaġġati, żgħażaġh u dawk ta' età akbar;
- (l) l-istima tal-baġit għal kull wieħed mill-komponenti tal-pakkett ikkoordinat b'appoġġ għall-benefiċjarji fil-mira;
- (m) id-dati li fihom beda jew ser jibda l-għoti tal-pakkett ikkoordinat lill-benefiċjarji fil-mira u l-attivitajiet biex jiġi implimentat il-FEG, kif stipulat fl-Artikolu 7;
- (n) l-istima tal-baġit għal kwalunkwe attività preparatorja, inkluż verifiki ex ante, kif ukoll attivitajiet ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar mill-Istat Membru applikant fir-rigward tal-applikazzjoni;
- (o) dikjarazzjoni li tiddeskrivi għaliex il-pakkett ikkoordinat ma jieħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà tal-impjegaturi skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;

- (p) il-konferma mill-intrapriża kkonċernata li ser tikkofinanzja l-miżuri tal-pakkett ikkoordinat u li l-kofinanzjament tagħha huwa l-uniku sors għall-kofinanzjament nazzjonali, ħliet għal kwalunkwe kontribuzzjoni minn fornituri diretti jew produtturi downstream ta' dik l-intrapriża;
- (q) konferma mill-Istat Membru applikant li ma pprovda l-ebda finanzjament għall-pakkett ikkoordinat.

Fejn in-numri msemmija fil-punti (c) u (l) tal-ewwel subparagrafu jinbidlu qabel it-tlestija tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni, dawk il-bidliet għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

L-informazzjoni stabbilita fil-punti (a) sa (f), (j) sa (m), u (o) u (p) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi pprovduta lill-Istat Membru applikant mill-intrapriża rikjedenti.”;

(11) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, jista' jintuża massimu ta' 1,5 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG għan-nefqa teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tiegħu, bħal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, kif ukoll ġbir ta' *data*, inkluż fir-rigward ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jsaħħu l-viżibbiltà tal-FEG bħala fond jew fil-każ ta' proġetti speċifiċi u miżuri oħra u ta' assistenza teknika. Tali miżuri jistgħu jkopru perjodi ta' programmazzjoni futuri u preċedenti.”;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-assistenza teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-għoti ta' informazzjoni u gwida lill-Istati Membri dwar l-użu, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-FEG kif ukoll outreach iddedikata lill-Istati Membri li ma għamlux użu jew ftit biss għamlu użu mill-appoġġ tal-FEG. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi wkoll lis-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali b'informazzjoni flimkien ma' gwida ċara dwar l-użu tal-FEG. Il-miżuri ta' gwida jistgħu jinkludu wkoll il-ħolqien ta' taskforces f'każijiet ta' tfixkil ekonomiku sever fi Stat Membru.”;

(12) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 8 jew 8a, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-istima tal-kostijiet, il-Kummissjoni għandha tevalwa u tiddetermina l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk ikun hemm, li tista' ssir fil-limiti tar-riżorsi disponibbli.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Ir-rata ta' kofinanzjament għan-nefqa mġarrba mill-Istat Membru għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c) u relatata mal-miżuri stipulati fl-Artikolu 7(5) għandha tkun ta' 100 %.”;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 8 jew 8a, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati, għandha tagħti bidu minnufih għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 .”;

(d) jżdzied il-paragrafu li ġej:

“5. Minimu ta’ 40 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG għandu jkun riżervat għall-applikazzjonijiet li jikkonċernaw il-waqfien tal-attività ta’ ħaddiema ssensjati jew persuni li jaħdmu għal rashom imsemmija fl-Artikolu 8.

Kwalunkwe parti minn dak l-ammont li ma tintużax jew li mhijiex riżervata sat-30 ta’ Ġunju ta’ kull sena tista’ tintuża wkoll għal applikazzjonijiet li jikkonċernaw ħaddiema affettwati minn issensjar imminenti msemmi fl-Artikolu 8a. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja għall-ħaddiema affettwati mill-issensjar imminenti msemmi fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), ma għandhiex taqbeż EUR 4 000 000 għal kull intrapriża, għal kull Stat Membru, għal kwalunkwe sena finanzjarja.”;

(13) fl-Artikolu 14, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mid-dati stipulati fl-applikazzjoni f’konformità mal-Artikolu 8(7), il-punt (j), jew l-Artikolu 8a(12), il-punt (m), li fihom l-Istat Membru jew l-intrapriża kkonċernata jibdew, jew ikunu mistennija jibdew, jipprovdu l-pakkett ikkoordinat lill-benefiċjarji fil-mira jew li fihom l-Istat Membru iġarrab in-nefqa amministrattiva biex jiġi implimentat il-FEG f’konformità mal-Artikolu 7(1) u (5).

2. L-Istat Membru jew l-intrapriża għandhom jibdew jimplimentaw il-miżuri eliġibbli stipulati fl-Artikolu 7 mingħajr dewmien żejjed u għandhom iwettqu dawk il-miżuri kemm jista' jkun malajr, u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja.”;

(14) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Proposta mill-Kummissjoni għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG skont il-paragrafu 1 għandha tinkludi dan li ġej:

(a) il-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 8(6) jew l-Artikolu 8a(11), flimkien ma' sommarju tal-informazzjoni li fuqha hija bbażata dik il-valutazzjoni; u

(b) ir-raġunijiet għall-ammonti proposti f'konformità mal-Artikolu 13(1).”;

(15) l-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 16

Fondi insuffiċjenti

B'deroga mill-iskadenzi stipulati fl-Artikoli 8, 8a u 15, dment li l-appropriazzjonijiet ta' impenn li jifdal disponibbli fil-FEG ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ammont ta' assistenza neċessarju skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista', f'każijiet eċċezzjonali, tipposponi l-proposta biex jiġi mobilizzat il-FEG u t-talba sussegwenti għal trasferiment baġitarju sakemm l-appropriazzjonijiet ta' impenn ikunu disponibbli fis-sena ta' wara l-applikazzjoni. Il-limitu baġitarju annwali tal-FEG għandu jiġi rispettatt fiċ-ċirkostanzi kollha.”;

(16) fl-Artikolu 17, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“6. Fir-rigward tal-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 8a, l-Istat Membru kkonċernat, mingħajr dewmien żejjed, u mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol wara li jirċievi l-pagament ta' prefinanzjament tal-Kummissjoni, għandu jagħmel disponibbli għall-intrapriża kkonċernata l-parti tal-pagament ta' prefinanzjament relatata mal-pakkett ikkoordinat implimentati mill-intrapriża. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-pagament ta' prefinanzjament disponibbli f'pagamenti parzjali, f'liema każ l-ewwel pagament parzjali għandu jsir disponibbli mingħajr dewmien żejjed u sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol. L-arranġamenti dettaljati għall-pagament għandhom jiġu stipulati fid-dokument li jirregola l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istat Membru lill-intrapriża. L-Istati Membri jistgħu, fejn xieraq, jidderieġu l-fondi lejn l-intrapriża permezz tal-awtorità reġjonali rilevanti jew awtorità pubblika oħra, dment li din ma ddewwimx il-pagament. L-Istat Membru għandu jżomm jew jidderieġi lill-awtorità reġjonali jew awtorità pubblika oħra l-parti tal-prefinanzjament relatata mal-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(5).”;

(17) fl-Artikolu 20, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“3. F'każijiet fejn intrapriża tkun qed timplimenta kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti tal-impjiegi, l-intrapriża għandha, sa tmiem is-sitt xahar wara li jiskadi l-perjodu ta' implimentazzjoni, tipprovdi lill-Istat Membru kkonċernat l-informazzjoni rilevanti kollha speċifikata fil-paragrafu 1.”;

(18) fl-Artikolu 22, il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“4. Stħarriġ tal-benefiċjarji għandu jitnieda mill-Kummissjoni matul is-sitt xahar wara tmiem kull perjodu ta' implimentazzjoni. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jkun miftuħ għall-parteciċipazzjoni għal mill-inqas erba' ġimgħat. L-Istati Membri għandhom iqassmu l-istħarriġ tal-benefiċjarji lill-benefiċjarji, jibgħatu mill-inqas tfakkira waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-distribuzzjoni u t-tfakkira li tkun intbagħtet.

F'każijiet li jinvolvu assistenza implimentata minn intrapriża għall-benefiċjarji skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dik l-intrapriża hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-istħarriġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu lill-benefiċjarji li pparteċipaw fil-miżuri, u lir-rappreżentanti tal-ħaddiema għall-informazzjoni, biex tibgħat mill-inqas tfakkira waħda u biex tinforma lill-Istat Membru dwar id-distribuzzjoni u t-tfakkira mibgħuta. It-tweġibiet għall-istħarriġ tal-benefiċjarji għandhom jinġabru u jiġu analizzati mill-Kummissjoni għall-użu f'evalwazzjonijiet futuri.

5. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jintuża biex tinġabar *data* dwar il-bidla perċepita fl-impjegabbiltà tal-benefiċjarji, jew, għal dawk li diġà sabu impjieg, dwar il-kwalità tal-impjieg misjub, bħal kwalunkwe bidla fis-sigħat tax-xogħol, fit-tip ta' kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg, jiġifieri jekk huwiex full-time jew part-time, terminu fiss jew indefinit, il-livell ta' responsabbiltà u kwalunkwe bidla fis-salarju meta mqabbel mal-impjieg preċedenti, u s-settur li fih instab l-impjieg. Għall-każijiet skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dan għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar rwol ġdid possibbli fl-istess intrapriża, meta applikabbli. Dik l-informazzjoni għandha tiġi diżaggregata skont il-ġeneru, il-grupp ta' età, il-livell ta' edukazzjoni u l-livell ta' esperjenza professjonali.”;

(19) fl-Anness II, il-punt (2), ilparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel paragrafu:

Għall-każijiet taħt l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), l-indikatur taħt l-ewwel paragrafu, il-punt (a), ta' dan il-punt għandu jiġi diżaggregat skont impjieg li ġej:

- (a) f' intrapriża differenti;
- (b) fl-istess intrapriża:
 - (i) fl-istess rwol,
 - (ii) fi rwol differenti.”.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strażburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President